# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' April, 2024.**

**Numru 4**

**Rikors numru 624/08/1 JRM**

**Casino-for-me Limited (C-37398)**

**v.**

**Chartwell Games (Malta) Limited (C-35153) u b'digriet tal-15 ta' Jannar 2013 il-kumpanija intimata issa taqra Amaya (Malta) Limited u b'digriet tal-15 ta' Novembru 2019 l-isem tas-soċjetà Amaya (Malta) Limited issa nbidel għal "NYX Digital Gaming (Malta) Limited u b'digriet tal-14 ta' Novembru 2023 l-isem tas-soċjetà "NYX Digital Gaming (Malta) Limited" issa nbidel għal "LNW Gaming Malta Limited"**

**Il-Qorti:**

1. Il-fatti li taw lok għal din il-kawża, svolġew kif ġej:

> "…Jirriżulta li kemm CFM u Chartwell kellhom liċenzja għal Logħob minn Distanza (*Remote Gaming Licence)* maħruġa mill-Awtorità ta' Malta dwar il-Logħob (minn issa 'l hemm imsejħa "l-Awtorità");

Illi bis-saħħa ta' ftehim magħmul bejniethom fit-28 ta' April, 2006[1], il-partijiet qablu li CFM (li kellha tkun l-operatur approvat mill- Awtorità) tinqeda b'*gaming software* ta' Chartwell (li kellha tkun il- 'pjattaforma' approvata mill-Awtorità) fit-tħaddim tas-siti ta' logħob li CFM kellha fuq l-*internet*, magħdud it-titjib min-naħa ta' Chartwell tal-imsemmi *software* interattiv u wkoll b'liċenzi partikolari, u dan taħt il-patti u l-kundizzjonijiet hemm maqbula.

-omissis-

Illi wara li jidher li nqalgħu xi intoppi bejn il-partijiet u kienet mgħarrfa bihom l-Awtorità, intlaħaq ftehim bejn il-partijiet sabiex servizz ta' *interactive gaming* mogħti minn Chartwell lil CFM jintemm qabel iż-żmien oriġinali miftiehem, b'seħħ mis-27 ta' Frar, 2008, fis-sitta ta' filgħaxija. Il-partijiet qablu wkoll li l-klijenti reġistrati ma' CFM, li kienu jammontaw għal elf ħames mija u tmienja u tmenin (1,588), jgħaddu (jemigraw) għand kumpannija li kienet ser tieħu post Chartwell – jisimha Boss Media AB – b'seħħ mill-għada li tintemm ir-rabta bejn CFM u Chartwell. Ta' min jgħid li mill-provi mressqa l-bidla minn Chartwell għal Boss Media min-naħa ta' CFM kienet ilha mgħarrfa lill-Awtorità sa minn Diċembru tal-2007[2], u dan għaliex bidla bħal dik titlob li jsir proċess ta' tħejjija li wkoll irid l-approvazzjoni minn qabel tal-Awtorità;

Illi sabiex dan il-proċess seta' jsir, fil-5 ta' Frar, 2008, CFM talbet mingħand Chartwell il-*passwords* li jużaw il-klijenti tagħha (biex ikollhom aċċess għas-sit elettroniku tagħha), u talbithom f'format li hija setgħet taqrahom (*f'text format*)[3]. Dan it-tagħrif kien għand Chartwell f'sura *encrypted*, għalkemm il-ftehim kien iqis lil CFM bħala sidt dak it-tagħrif;

Illi mill-provi ħareġ li Chartwell għarrfet lil CFM li setgħet tibgħat it-tagħrif bil-mod mitlub minn CFM. Iżda, minn stħarriġ li għamlet mal-Awtorità, irriżulta lil Chartwell li kien il-klijent biss (il-liġi ssejjaħlu "l-ġugatur") li seta' jkollu aċċess għall-*password* tiegħu, u li t-talba ta' CFM kif magħmula lilha kienet tmur kontra l-politika mħaddna mill-istess Awtorità. CFM saret taf b'dan l-aħħar żvilupp mingħand Chartwell fis-26 ta' Frar, 2008, lejliet li kellu jintemm il-ftehim ta' bejniethom. Chartwell tgħid li lil CFM setgħet tgħaddilha l-istess tagħrif f'sura elettronika differenti minn dik mitluba minn CFM, iżda CFM dan ma talbitulhiex u lanqas sar kuntatt magħha minn Boss Media. Min-naħa l-oħra, CFM tiċħad dan;

[1] Dok "A", f'paġ. 4 sa 19 tal-proċess

[2] Dok "FC5", f'paġ. 233 tal-proċess

[3] Ara Dok. "PL2" f'paġ. 32 tal-proċess

> Illi sadattant, fl-ewwel nofs ta' Frar tal-2008, CFM ressqet talba mal-Awtorità fejn għarrfitha bl-iżviluppi li kienu se jseħħu bejnha, Chartwell u Boss Media. CFM qagħdet għall-kundizzjonijiet li għamlitilha l-Awtorità sabiex il-migrazzjoni setgħet isseħħ, fosthom dak li tgħarraf bil-migrazzjoni lill- klijenti tagħha stess;
>
> Illi CFM tgħid li huma għamlu kuntatt mal-klijenti reġistrati tagħhom, iżda kienu biss mija u wieħed u tmenin (181) mill-elf ħames mija u tmienja u tmenin (1,588) li għażlu li jibqgħu magħha wara li seħħet il-migrazzjoni. Hija tgħid li għarrfet b'dan u tat id-dettalji tal-klijenti tagħha lill- Awtorità;
>
> Illi, kif miftiehem, fis-sitta ta' filgħaxija tas-27 ta' Frar, 2008, seħħet il-migrazzjoni minn fuq Chartwell għal fuq Boss Media. Fuq talba li ressqitilha CFM, Chartwell ħalliet is-sistema tagħha miftuħ biex Boss Media tkun f'qagħda li tikkonferma li t-tagħrif miżmum minn Chartwell għadda kollu. Fil-fatt is-sistema li Boss Media wirtet mingħand Chartwell ħadem tajjeb, madankollu, CFM tisħaq li t-tagħrif mgħoddi ma kienx jinkludi l-passwords tal-ġugaturi reġistrati magħha, liema tagħrif hija tgħid li kien l-aktar ħaġa essenzjali li riedet biex il-migrazzjoni ssir bla xkiel;
>
> Illi fit-18 ta' April, 2008, CFM talbet lil Chartwell biex tagħmel tajjeb għad-danni li ġarrbet minħabba t-telf ta' klijenti;
>
> Illi fid-9 ta' Mejju, 2008, Chartwell wieġbet għat-talbiet ta' CFM billi ċaħdet kull responsabbilità."

2. Fis-17 ta' Ġunju, 2008, l-attriċi fetħet din il-kawża, li permezz tagħha talbet lill-Qorti ssib li: l-konvenuta naqset milli tipprovdilha l-*customer passwords* kif kienet obbligata tagħmel skont il-ftehim ta' bejniethom; tillikwida d-danni u tikkundanna lill-konvenuta biex tħallashom.

3. Il-konvenuta eċċepiet illi:

(i) l-attriċi trid tipprova n-ness bejn id-danni u l-inadempjenza allegata.

(ii) ma setgħetx tgħaddi l-*passwords* fil-forma *unencrypted* kif talbithom l-attriċi.

(iii) l-attriċi ma kellhiex għalfejn tistrieħ fuq it-tagħrif mogħti lilha mill-eċċipjenti ladarba l-attriċi diġà kellha tagħrif tal-klijenti tagħha stess u setgħet dejjem għamlet kuntatt magħhom b'mod dirett.

(iv) B'ittra tas-27 ta' Frar 2008 ġie ddikjarat li sar ħlas għas-saldu bla ebda riżerva jew kwalifika.

(v) Minbarra dan, għal skopijiet marbuta mal-proċess ta' migrazzjoni minn fuq il-kumpanija mħarrka għall-kumpanija Boss Media, l-eċċipjenti tgħid li offriet li ssir laqgħa mal-kumpanija li kienet ser tissupplixxi s-servizz lill-kumpanija attriċi minflokha, iżda l-kumpanija attriċi għażlet li ma twieġibx għall-istedina tagħha.

(vi) Fil-ftehim milħuq bejniethom, il-partijiet qablu fuq l-ogħla ammont ta' dannu li parti setgħet titlob mingħand il-parti l-oħra, liema ammont huwa ferm anqas minn dak pretiż mill-kumpanija attriċi f'din il-kawża.

4. B'sentenza tal-10 ta' Ottubru 2019, il-Prim'Awla tal-Qorti ċaħdet it-talbiet attriċi.

5. L-Ewwel Qorti sabet bħala stat ta' fatt li:

(i) L-attriċi talbet lill-konvenuta għall-*passwords* f'format li hija setgħet taqrahom (*unencrypted*).

(ii) Il-konvenuta wegħditha li kienet sejra tgħaddihomla f'dan il-format.

(iii) Lejliet li kellu jintemm il-ftehim ta' bejniethom (26 ta' Frar 2008), il-konvenuta nfurmat lill-attriċi li ma kienx possibbli tgħaddilha l-*passwords unencrypted* billi kien hemm divjet mill-Awtorità.

(iv) Il-konvenuta tgħid li setgħet tgħaddi l-*passwords encrypted* iżda la l-attriċi u lanqas Boss Media ma talbuhomlha jew għamlu kuntatt magħha dwar dan.

(v) Fis-27 ta' Frar seħħet il-migrazzjoni mill-konvenuta għal Boss Media mingħajr il-*passwords* (la *encrypted* u lanqas *unencrypted*).

6. Abbażi ta' dawn il-fatti, l-Ewwel Qorti rrimarkat li l-konvenuta messha ma tatx il-wegħda li tat (para ii *supra*) u messha nfurmatha li ma

setgħetx tonoraha fi żmien raġonevoli.[4] "Madanakollu" ikkonkludiet dik il-Qorti "dan in-nuqqas ma jsejjisx il-kawżali tal-inadempiment kuntrattwali li fuqu jistrieħ għal kollox il-każ ta' CFM" (l-attriċi). Kompliet tirrimarka li l-attriċi ma messhiex talbet lill-konvenuta "tagħmel ħaġa li bħala persuna midħla fil-qasam tal-logħob elettroniku, messha kienet taf li ma setgħetx titwettaq".[5] Ikkonkludiet li:

(i) Skont Art. 985 tal-Kodiċi Ċivili, ħwejjeġ ipprojbiti mil-liġi ma jistgħux ikunu oġġett ta' obbligazzjoni. Il-premessi u t-talbiet huma msejjsin fuq obbligazzjoni li l-konvenuta ma setgħetx legalment twettaq. In-nuqqas ta' twettiq tagħha la jista' jwassal għal ksur ta' obbligazzjoni u wisq inqas għal sejba ta' danni.

(ii) Li kieku l-obbligazzjoni msemmija kellha titqies legali, kien ikun hemm l-ostaklu tal-forza maġġuri minħabba d-divjet mil-liġi u mill-Awtorità.

7. L-attriċi ħassitha aggravata bl-imsemmija sentenza u appellat minnha. L-aggravji, li mhumiex enumerati, fis-sustanza tagħhom jistgħu jiġu miġburin kif ġej:

(i) L-Ewwel Qorti rraġunat li ġaladarba kien illegali li l-*passwords*

[4] Paġna 9 l-aħħar paragrafu tas-sentenza tal-Ewwel Qorti.
[5] Paġna 10 l-ewwel paragrafu sħiħ tas-sentenza tal-Ewwel Qorti.

jgħaddu *unencrypted*, ma kienx hemm inadempiment kuntrattwali. Ma qisitx li l-obbligu tal-konvenuta kien li tgħaddihom *encrypted* u li dan naqset milli tagħmlu.

(ii) Permezz tat-tieni eċċezzjoni tagħha, l-konvenuta stqarret li kienet diposta tgħaddi lill-attriċi l-*passwords encrypted*. B'danakollu, effettivament dan l-obbligu ma wettqitux.

(iii) Mhux minnu li kien hemm minoranza ta' lagħba li mmigraw mal-attriċi. Ħadd m'għamel migrazzjoni. Din il-minoranza ta' lagħba rreġistraw mill-ġdid mal-attriċi. L-ebda migrazzjoni ma setgħet issir mingħajr it-trasferiment tal-*passwords*.

8. Il-konvenuta appellata għażlet li ma tiddefendix ruħha quddiem din il-Qorti. La ppreżentat Risposta tal-Appell u lanqas dehret waqt l-udjenzi.

Ikkunsidrat:

9. Din il-Qorti taqbel mal-appellanti li minkejja li l-ftehim bejn il-partijiet li l-*passwords* jiġu trasferiti *enencrypted* kien illegali, ma jiswiex, ma jfissirx li b'daqshekk l-ewwel talba attriċi fil-parametri li saret mhix mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt. Il-parametri tal-premessi u t-talbiet tar-Rikors

Ġuramentat mhumiex li ma ġewx ikkunsinnati l-*passwords unencrypted*, imma li ma ġewx ikkunsinnati l-*passwords*. Skont il-kuntratt oriġinali ta' bejn il-partijiet, il-konvenuta kienet obbligata li tgħaddi l-*passwords* lill-attriċi. Wara kollox dawn kienu proprjetà tal-attriċi. S'intendi ġaladarba l-lagħba biss għandhom id-dritt li jkollhom il-*password* fil-forma *unencrypted*, allura għalkemm il-kuntratt ma jispeċifikax f'liema forma kellhom ikunu l-*passwords*, kellhom jiġu trasferiti fil-forma *encrypted*.

10. Stabbilit li t-talbiet tal-attriċi fir-Rikors Ġuramentat huma ammissibbli, imiss li jiġi ddeterminat humiex mistħoqqa jew le.

Ikkunsidrat:

11. M'hemmx dubbju li l-attriċi la mxiet mal-kuntratt oriġinali u lanqas mal-liġi meta talbet il-*passwords enencrypted*. U lanqas hemm dubbju li l-konvenuta ma kellhiex taċċetta li twettaq din il-proposta tal-attriċi. B'danakollu, il-konvenuta xorta kienet marbuta li twettaq l-obbligi tagħha skont il-kuntratt. Mhuwiex ikkontestat li kienet taf sa minn xhur qabel li ma setgħetx tikkunsinna l-*passwords unencrypted*, iżda nfurmat lill-attriċi b'dan fl-aħħar siegħat qabel ma kellu jiskadi l-ftehim. Fejn ma jaqblux il-partijiet hu jekk il-konvenuta offrietx li tgħaddi l-*passwords encrypted* qabel ma skada l-kuntratt ta' bejn il-partijiet. L-Ewwel Qorti rreġistrat dan il-konflitt fil-provi:

> "Chartwell tgħid li lil CFM setgħet tgħaddilha l-istess tagħrif f'sura elettronika differenti minn dik mitluba minn CFM, iżda CFM dan ma talbitulhiex u lanqas sar kuntatt magħha minn Boss Media. Min-naħa l-oħra, CFM tiċħad dan."

12. Billi sabet l-ewwel talba inammissibbli, l-Ewwel Qorti ma ndagatx liema minn dawn il-verżjonijiet għandha titwemmen għaliex ma kellhiex għalfejn. Billi din il-Qorti ssib li l-ewwel talba hija ammissibbli, jinħtiġilha tagħmel l-apprezzament tal-provi f'dan r-rigward.

13. Mhux ikkontestat li l-*passwords* ma ġewx mgħoddija u din hija l-unika prova li l-attriċi jinħtiġilha tagħmel dwar l-allegazzjoni tagħha ta' ksur tal-kuntratt. Il-piż tal-prova għalhekk jgħaddi għal fuq spallejn il-konvenuta biex tiġġustifika n-nuqqas tat-twettiq tal-obbligi kuntrattwali tagħha.

14. Permezz tar-raba' eċċezzjoni tagħha, l-konvenuta tallega li permezz tal-ittra tas-27 ta' Frar 2008 fis-6 p.m. ġie pattuwit li kull relazzjoni bejn il-kontendenti ġiet mitmuma b'effett minn dakinhar; l-attriċi ħallset il-bilanċ tal-ammont li kellha tagħti lill-konvenuta għas-saldu. Fl-ittra m'hemm ebda riżerva jew kwalifika li l-ħlas kien qiegħed isir bla preġudizzju għal xi pretenzjoni tad-danni. L-għada, Alexander Duffy rringrazzja lill-konvenuta għas-servizz tagħha.

Għalhekk kien hemm kwittanza assoluta.

15. Din il-Qorti ma taqbilx ma' din l-eċċezzjoni. B'din l-ittra l-attriċi kienet elenkat l-aħħar ilmenti tagħha u magħha hemżet il-ħlas tal-miżata tal-liċenzja għax-xahar ta' Frar 2008. Għalqet l-ittra hekk:

> "We have attached a bankers draft for 6,165 Euros … which settles all invoices from Casino-for-me, and once signed for will officially sever our relationship with Chartwell Games (Malta) Ltd."

16. Il-fatt li l-attriċi qalet illi l-ħlas tal-*licence fees* "*will officially sever our relationship with Chartwell Games (Malta) Ltd*" ma jfissirx rinunzja. Li ttemm ir-relazzjoni f'dan il-kuntest ifisser illi ttemm ir-relazzjoni kuntrattwali li bis-saħħa tagħha l-konvenuta tagħti s-servizz u l-attriċi tħallas il-miżata; fi kliem ieħor, ma hija sejra tkun dovuta ebda miżata wara Frar tal-2008 għax il-ħlas "*settles all invoices from Casino-for-me*". Ma jfissirx iżda li nqatgħu l-pendenzi l-oħra għax rinunzja għandha tkun jew espressa jew, jekk impliċita, għandha tirriżulta ċar u b'mod univoku. Ma hemm ebda rinunzja espressa jew neċessarjament u inekwivokabilment impliċita tal-pretensjonijiet tal-attriċi.

17. Il-ħames eċċezzjoni fir-Risposta Ġuramentata hi li l-konvenuta:

> "Offriet diversi modi kif titrasferixxi l-passwords skont il-prassi addottati f'dan il-qasam iżda s-soċjeta rikorrenti qatt ma wieġbet għall-istess."

18. Dan il-fatt ġie kkonfermat fl-affidavit tiegħu minn Matt Avison, li

kien qiegħed jieħu ħsieb għan-nom tal-konvenuta l-arranġamenti għat-terminazzjoni tal-kuntratt. Hemmhekk stqarr li huwa offra li l-*passwords* jgħaddu *encrypted*.[6] In kontroeżami stqarr li:

> "*I spoke to Paul Lesse at 4 o'clock. I told him that, it is a very simple process, to migrate the player passwords tables in accordance with LGA licensing. And that Paul Leese can set it up between Boss and ourselves. And no communication came in from Paul Leese via email; even though I received other emails after that meeting about other matters.*[7]"

19. Hawnhekk ix-xhud kien qiegħed jirreferi għal laqgħa li saret fis-sigħat qabel skada l-kuntratt. Paul Leese kien il-*General Manager* tal-attriċi.

20. Skont Alexander Duffy, iċ-ċermen u *shareholder* maġġoritarju tal-attriċi, Matt Avison qallu, ftit sigħat qabel ma saret il-migrazzjoni, li l-*passwords* kienu fil-*head office* tal-konvenuta f'Singapore u li għalhekk ma setgħetx issir il-migrazzjoni tagħhom.[8] Din l-allegazzjoni ġiet kategorikament miċħuda minn Matt Avison waqt il-kontroeżami tiegħu.[9]

21. Il-verżjoni ta' Alexender Duffy mhix ikkorroborata minn Paul Leese, li stqarr li r-raġuni li tah Matt Avison fuq it-telefon meta nfurmah li ma setax jgħaddilu l-*passwords* kienet il-projbizzjoni tal-Awtorità. Lanqas jgħid li Singapore issemma' waqt il-laqgħa tal-4 p.m. li għaliha kienu preżenti

[6] Fol 543.
[7] Fol 601 it-tieni faċċata.
[8] Fol 416
[9] Fol 602

huwa, Matt, u Alex.

22. Min-naħa l-oħra, il-verżjoni ta' Matt Avison hija kkorroborata mill-fatt li l-uffiċjali tal-konvenuta kienu staqsew lill-Awtorità xhur qabel it-terminazzjoni tal-kuntratt jekk setgħux jgħaddu l-*passwords encrypted.* It-tweġiba negattiva mbagħad ġiet ikkomunikata lil Matt Avison minn dawn l-uffiċjali.

23. Bejn iż-żewġ verżjonijiet, din il-Qorti ssib li l-verżjoni ta' Matt Avison hija iktar kredibbli. Dan anke fid-dawl taċ-ċirkostanzi l-oħrajn tal-migrazzjoni. Hu paċifiku li l-konvenuta ma ngħatatx kuntatt dirett ma' Boss imma l-komunikazzjonijiet kienu biss mal-attriċi. Il-konvenuta kienet qiegħdha tikkollabora bis-sħiħ mal-attriċi tant li apparti l-*passwords* għaddiet l-informazzjoni kollha meħtieġa b'mod impekkabbli; aċċettat, anke jekk ma kellha l-ebda obbligu li tagħmel dan, li l-għada tat-terminazzjoni tal-kuntratt terġa' tiftaħ il-linja ta' komunikazzjoni mal-attriċi biex din tkun tista' taċċedi għal data li ma kinitx ħadet u li l-Awtorità talbitha tagħtiha. Dan mhux atteġġjament ta' xi ħadd li ried joħloq l-ostakli jew ikun diffiċli. L-attriċi rringrazzjat lill-konvenuta tal-kollaborazzjoni. L-attriċi wara li saret taf li ma setgħetx tingħata l-*passwords unencrypted* xorta waħda ħallset il-bilanċ kollu minnha dovut lill-konvenuta. Mhux ikkontestat li l-attriċi qatt ma talbet il-*passwords encrypted* wara t-terminazzjoni tal-kuntratt; u lanqas ipprotestat dwar in-nuqqas tal-

forniment tal-*passwords* qabel April 2008 u ċjoè xahrejn wara, meta ħabta u sabta talbet il-ħlas tad-danni dwar dan in-nuqqas.

24. Għalhekk il-ħames eċċezzjoni għandha tintlaqa'.

***Decide***

25. Għal dawn il-motivi, din il-Qorti, tilqa' *in parte* l-aggravji kif fuq spjegat, iżda tilqa' wkoll il-ħames eċċezzjoni tal-konvenuta u għalhekk tikkonferma s-sentenza appellata, anke jekk għal motivazzjoni differenti minn dik tal-Ewwel Qorti. Spejjeż taż-żewġ istanzi a kariku tal-attriċi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da